



Dokument ta' sessjoni

26.6.2015

B8-0641/2015

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa skont l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' Proċedura

li tikkundanna l-fatwa ġudizzjarja tal-Qatar kontra Membru tal-Parlament
Ewropew

**Steeve Briois, Sophie Montel, Dominique Bilde, Florian Philippot,
Mylène Troszcyinski, Edouard Ferrand, Philippe Loiseau, Jean François
Jalkh, Sylvie Goddyn, Aymeric Chauprade, Gilles Lebreton, Dominique
Martin, Mireille d'Ornano, Jean Luc Schaffhauser**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew li tikkundanna l-fatwa ġudizzjarja tal-Qatar kontra Membru tal-Parlament Ewropew

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikoli 6, 10 u 11 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali;
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi d-dritt għas-sigurtà u l-libertà tal-espressjoni huma valuri fundamentali minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;
- B. billi hemm evidenza li, fil-Qatar, id-drittijiet tal-bniedem jinkisru regolarmen, il-prinċipju tad-dinjità tan-nisa mhuwiex irrispettaw u d-drittijiet soċjali tal-ħaddiema huma ineżistenti;
- C. billi l-ilment ġudizzjarju mressaq mill-Qatar kontra l-Membru tal-Parlament Ewropew Florian Philippot, bil-għan li dan jiġi kkundannat għall-eżerċizzju tad-dritt tiegħu għal-libertà tal-espressjoni, jippreġudika serjament il-valuri tal-Unjoni;
1. Jikkundanna t-theddida li l-ilment ġudizzjarju tal-Qatar jippreżenta għas-sigurtà u għad-drittijiet ta' Membru tal-Parlament Ewropew;
 2. Jistieden lill-Kummissjoni tikkundanna l-interferenza serja tal-Qatar fl-affarijiet interni ta' Franza, li hija Stat Membru tal-Unjoni u Stat firmatarju tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Istati Membri.